TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 60/12-F

**Franco Xuereb**

**vs**

**Eleno Caruana eżerċenti l-kummerċ bħala ECA Aluminium**

Illum 23 ta' Ottubru, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-24 ta' Frar, 2012 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' seba' mija u ħamsin ewro, u ħmistax-il ċenteżmi (€750.15), rappreżentanti xogħol ta' aluminium.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ordna xi xogħol ta' aluminium mingħand id-ditta ntimata, illi jikkonsisti minn *sliding windows* u bibien bil-ħġieġ ta' 10mm ħxuna u *laminated.* Illi jirriżulta li l-ħxuna tal-ħġieġ ma kienx tad-daqs pattwit.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota li l-intimat debitament notifikat u msejjaħ tliet darbiet ma deherx għas-seduta, u dan minkejja li kien notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, kif ukoll it-Tribunal jinnota illi l-intimat ingħata diversi opportunitajiet sabiex jipprova jiddefendi ruħu u dan ma ġiex minkejja diversi differimenti.

Għaldaqstant it-Tribunal, qed jemmen il-verżjoni tar-rikorrenti.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas is-somma ta' seba' mija u ħamsin ewro u ħmistax-il ċenteżmi (€750.15), u b'dan illi jkun jista' jieħu lura fi żmien xahar mil-lum it-twieqi u l-bibien ta' l-*aluminium* u l-ħġieġ li kien installa, u bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**